MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tas-7 ta' Mejju, 2007

Numru. 227/2007

PULIZIJA
SPETTUR STEPHEN MALLIA
VS
GESRED BORG

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Gesred Borg, ta’ 22 sena, bin Michael u Evelyn nee’ Formosa, imwieled Pieta’ fis-17 t’April 1984, u li jirrisjedi fil-fond Numru 33, Triq Abela, Santa Venera, u detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 214184(M), u akkuzat talli fid-19 t’Ottubru 2006, u fil-jiem ta’ qabel, f’Bahar ic-Caghaq, u f’inhawi differenti f’dawn il-Gzejjer:

1. talli ghamel falsifikazzjoni f’att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta’ bank privat, b’falsifikazzjoni jew b’tibdil fl-iskrittura jew firem, billi holoq pattijiet, dispozizzjonijiet jew obbligi foloz, jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f’dawk l-

atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dwak l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw, u xjentement ghamel uzu minn att, kitba jew skrittura falza, u cioe' minn numru tar-registrazzjoni li jaqra DAC 784, maghmul fuq il-plastik, uzat fuq vettura tal-ghamla Hyundai Accent, bin-numru tar-registrazzjoni DAC 784;

2. u talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, xjentement ghamel uzu minn att, kitba jew skrittura falza, u cioe' minn numru tar-registrazzjoni jaqra DAC 784, uzat fuq vettura tal-ghamla Hyundai Accent bin-numru tar-registrazzjoni DAC 784;

3. u talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, xjentement ghamel uzu minn dokument iffalsifikat, u cioe' minn numru tar-registrazzjoni jaqra DAC 784, uzat fuq vettura tal-ghamla Hyundai Accent bin-numru tar-registrazzjoni DAC 784;

4. u talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor iffalsifikat, u cioe' minn numru tar-registrazzjoni jaqra DAC 784, uzat fuq vettura tal-ghamla Hyundai Accent bin-numru tar-registrazzjoni DAC 784;

5. u talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ghamel uzu minn pjanca tar-registrazzjoni ohra minn dik mahruga mill-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta, u cioe' minn numru tar-registrazzjoni jaqra DAC 784 maghmul fuq il-plastik, uzat fuq vettura tal-ghamla Hyundai Accent bin-numru tar-registrazzjoni DAC 784.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali (a fol 11) u tal-imputat (a fol 6) sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat (a fol 4).

Semghet il-konferma ta' tali ammissjoni, wara li l-Qorti tat zmien ragjonevoli sabiex l-imputat jirripensa ruhu.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni tieghu, din il-Qorti ssib lill-imputat mhux hati tal-ewwel erba' akkuzi li minnhom tilliberah, stante li dawn huma alternattivi ghall-hames akkuza, u hati tal-hames akkuza, u wara li rat l-Artikolu 34(5) tal-Avviz Legali Numru 476/04, tikkundannah ghal multa ta' mija u hamsin Lira Maltin (Lm150), li ghandhom jithallsu b'rati mensili fi zmien sitt xhur.

Din il-piena qed tinghata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatti speci kollha tal-kaz, inkluz il-fatt illi l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri; il-fatt illi huwa 'a first offender'; u l-eta' giovvannili tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------